MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru 296/2004

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Hamid El Faiq ta’ 39 sena, iben Mohammed u Fatima imwielda Bel Makede, imwieled Sidi Slimane, Marokk fil-31 ta’ Marzu 1965 u residenti gewwa St. Helen, Flat 8, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar u detentur tal-passaport Marokkin bin-numru M 218387.

U gie akkuzat talli f’San Pawl il-Bahar u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fis-6 ta’ April 2004 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1. Bil-vjolenza, ikkommetta stupru vjolent fuq il-persuna ta’ A minuri ta’ erbatax–il sena;

2. B’ghemil zieni kkorrompa lill-istess A, minuri ta’ erbatax–il sena;

3. Bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess minuri A kontra l-volonta’ tieghu u dan bhala mezz biex hu jigi mgieghel jaghmel xi haga, jew joqghod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess tieghu;

4. Ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq il-persuna ta’ A, minuri ta’ erbatax-il sena.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tieghu li tinsab a fol. 201 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li kellha l-opportunita li tisma’ id-deposizzjoni tal-allegata vittma il-minuri A u dik tal-imputat u ghalhekk kellha l-opportunita’ li tosserva il-komportament tal-persuna meta din kienet qeda tiddeponi.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni moghtija mill-minuri A fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-video conferencing fis-Seduta tas-16 ta’ April, 2004, liema deposizzjoni tinsab minn fol. 10 sa fol 69 tal-Process hi wahda kredibbli.

Il-minuri A fid-deposizzjoni tieghu hawn fuq riferita taha dettaljata tal-atti kommessi fuqu mill-imputat fic-cirkostanzi mertu ta’ din il-kawza. L-istess minuri fid-deposizzjoni tieghu ukoll taha deskrizzjoni ta’ l-akkwati li jikkoncernaw dan il-kaz inkluza ir-residenza tal-imputat u dan essenzjalment jaqbel ma’ dak konstatat fl-Access mizmum minn din il-Qorti fis-17 ta’ Novembru, 2008. (Ara fol. 339 sa 342 tal-Process).

F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta’ PS839 Stephen Micallef (Seduta tat-18 ta’ Mejju, 2004) u dak dikjarat mill-istess surgent waqt l-Access hawn fuq riferit.

F’dan il-kaz jemergi li l-imputat ipprova jaqbad mal-minuri A billi beda jilghab bil-ballun mal-minuri (ara fol. 11 tal-Process – Deposizzjoni tal-minuri A – Seduta tal-16/4/2004) biex imbaghad spicca biex ghamel atti li l-Qorti tiddeskrivihom bhala moqzieza u deplorevoli ghall-ahhar inkluz kliem uzat mill-imputat quddiem il-minuri ta’ natura ferm moqzieza. (Ara Deposizzjoni tal-minuri 16/4/2004).

Rigward ir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni addebitat lill-imputat fit-tieni akkuza migjuba kontra tieghu il-Qorti tiddikjara li l-agir tal-imputat fil-konfront tal-minuri kien tali li ma jhalli l-ebda dubbju dwar is-sussistenza ta’ din l-akkuza.

Dwar l-akkuza tal-stupru vjolent il-Qorti tirrileva li id-Difiza issottomettiet fit-trattazzjoni finali li il-pene tal-imputat hi daqshekk kbira li kieku veru ippenetra lill-minuri kien jaqsmu u jkollu bzonn kura.

F’dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghad-deposizzjoni ta’ Dr.Patrick Frendo MD moghtija fis-Seduta tal-11 ta’ Jannar, 2008 u ghad-dok. HP2 li jinsab a fol. 282 tal-process liema dokument gie korrett mill-imsemmi xhud fid-deposizzjoni li taha fis-Seduta tal-11 ta’ Jannar, 2008.

F’dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran mill-kontro-ezami tal-minuri A (Seduta tal-16/4/2004):

“Il-Qorti : “All right”. Meta saret il-penetrazzjoni, tiftakar jekk kienx hariglek xi demm?

Xhud: Le, demm ma hariglix, weggahni u kont imwegga jien jigifieri imma demm jew xi haga’ hekk qatt xejn ma gara. (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa il-Qorti sejra ticcita bran mis-Sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Joseph

Galea Debono (Appell Kriminali Numru. 51/2003) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Supt. B.Mula, Spettur P.Pisani u Spettur L.Vella) vs Omissis deciza fl-4 ta' Settembru, 2003 fejn gie ritenut illi: "Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shiha w l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti r-reat."

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat li tinkwadra ruhha l-artikoli 86 u 87(1) (g) tal-Kodici Kriminali il-Qorti sejra ticcita is-segwenti brani mid-deposizzjoni tal-minuri A (Seduta 16/4/2004).

"Xhud: Meta konna qieghdin nilaghbu futbol, l-incident tal-"penetration" u dak domt xi seba' minuta, xi haga hekk.

Il-Qorti: Li graw l-affarijiet intimi.

Xhud: Iva, dawk l-affarijiet tas-Sesswali.

Il-Qorti: Iva, xi seba' minuti?

Xhud: <u>Xi ghaxar minuti forsi l-iktar.</u>

Il-Qorti: Xi ghaxar minuti? Jew aktar?

Xhud: Le, l-aktar."

" . . . . . . . ."

Il-Qorti: <u>Meta kont qieghed mieghu dan, din il-persuna inti stajt titlaq minn taht idejh?</u>

Xhud: <u>Kien hemm dejjem ikun hemm cans li nista nitlaq, imma tibza', ma nafx kellux xi sikkina jew xi drogi fuqu</u>.

Il-Qorti: Bdejt tibza'?

Xhud: <u>Jien twerwirt, mhux nibza'</u>.

Il-Qorti: Kont imwerwer.

Xhud: Biza sew.

Il-Qorti: U bdejt tibza li seta' kellu xi haga, xi arma?

Xhud: Seta' jkollu xi haga fuqu. Hu ghamilha taparsi ahna hbieb, ghalhekk "I trusted him" meta konna qieghdin nilaghbu futbol, tajtu dak it-"trust" li taghti lil hbieb.

Il-Qorti: Imma f'xi hin kien hemm ukoll li beda jzommok fizikament lilek?

Xhud: Iva, zammni hekk bis-sahha. Dan qalli li kien jilghab futbol qabel mal-Marokk, ghalhekk kellu sahha fuqu, ragel kbir.

Il-Qorti: Jigifieri fl-istadju ta' meta kien hemm dawn l-affarijiet sesswali hu beda jzommok? Jew waqt il-hin specifiku li ghidtli tal-penetrazzjoni, beda jzommok.

Xhud: Tal-penetrazzjoni kien qed izommni, izommni sew izommni, ma stajtx nitlaq.

Il-Qorti: Izommok sew.

Xhud: Stajt nitlaq, stajt nigri, imma –

Il-Qorti: Kien qieghed izommok –
Xhud: Kien qed izommni, kellu idejh madwari." (Sottolinjar tal-Qorti)

Il-Qorti issa sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mill-kontro-ezami tal-imputat Hamid El Faiq li fis-Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2007:

"Jiena t-tfal m'ghandiex. Nghid illi jiena bil-gurament tieghi nghid li jiena u marti ghexna flimkien u imbaghad kellna argument u dina qabdet u telqet. Meta kienu resquni l-Pulizija l-Qorti l-mara tieghi kienet qabdet u telqet mid-dar. Ahna llum hbieb pero' l-mara tieghi ma tghix mieghi. Nghid illi jiena lit-tifel A ma tajtu l-ebda T Shirt u lanqas ridt intih T Shirt. Nghid jiena hallejt lit-tifel jidhol fid-dar tieghi ghax it-tifel hassejtu bhala habib. U peress li t-tifel

qalli li xtaq jara ritratt tieghi tal-futbol ghalhekk jiena dahhaltu d-dar tieghi biex nurih ir-ritratti. Qed nigi mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jiena allura ridtx bhala habib tifel ta' erbatax-il sena nghid illi wiehed li jkun jifhem fil-futbol jista' jaghmel habib ma' tifel ta' sitt snin.

Jiena hassejt li t-tifel kelli nhallih jidhol id-dar tieghi ghaliex jiena hassejt illi dana kelli nistmah ta' habib."

Hawn il-Qorti tirrimarka li, a dir il meno, tidher stramba li ragel li fil-perijodu in kwistjoni kien qorob lejn l-eta' ta' erbghin sena idahhal tifel ta' erbatax il-sena fid-dar tieghu biex jurih ir-ritratti u hass li kellu jdahhlu go daru ghax hass li kellu jistmah ta' habib. Tali asserzjoni tal-imputat fil-fehma tal-Qorti hi wahda li tixhet dubbji serji dwar il-kredibilita' tal-versjoni moghtija mill-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti u fid-dawl tas-suespost l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Hamid El Faiq gew sufficjentement ippruvati bl-assorbiment tar-raba' (4) akkuza li tirrigwarda attentat vjolent da parti tal-imsemmi imputat ghall-pudur fuq il-persuna ta' A minuri ta' erbatax-il sena fl-ewwel (1) akkuza li tirrigwarda stupru vjolent da parti tal-imsemmi imputat fuq il-persuna tal-istess minuri.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 198, 203, 86, 87(1) (g), 207 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Issib lill-imputat Hamid El Faiq, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu bl-assorbiment tar-raba' akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat liema akkuza tirrigwarda attentat vjolent da parti tal-istess imputat fuq il-persuna ta' A minuri ta' erbatax -il sena fl-ewwel akkuza li tirrigwarda stupru vjolent da parti tal-istess imputat fuq il-persuna ta' A minuri ta' erbatax -il sena u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda il-gravita' tar-reati kommessi mill-imputat Hamid El Faiq u minn naha l-ohra il-fedina penali netta tal-imputat tikkundanna lill-imputat Hamid El Faiq ghall-piena komplessiva ta' tmien (8) snin prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, tordna lill-imputat Hamid El Faiq sabiex fi zmien erba' (4) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' Euro347.08 rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti f'din il-kawza.

Finalment il-Qorti biex tigi protetta l-identita' tal-vittma koncernat tordna li isem u kunjom il-vittma, isem u kunjom il-genituri tieghu, il-post fejn joqoghdu u fejn kien imur skola l-vittma u dettalji ohra li bihom jista' jigi identifikat il-vittma ma ghandhomx jixxandru jew jigu pubblikati fuq il-media.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------